MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 758/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Nadia Lanzon**
**V**

**AZMI CHLICH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AZMI CHLACH** ta' disgha w ghoxrin sena bin Ikl u Amina nee El-Awwat, imwieled Aleppo s-Sirja, nhar t-tleita w ghoxrin ta' Novembru 1974 u residenti 41, Camilleri, Flat 2, Triq n-Noqra, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita` numru 23946A gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fid-disgha ta' Settembru 2003 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer impjiega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuna ezentati u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond d-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta jew mod

iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub.
Talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li mpjiega persuni ohra whole-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm imnizzel fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 [3a sa 10].

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Settembru 2003 esibit fl-atti a fol 5 markat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghaxra ta' Settembru 2003.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnax ta' Marzu 2004, u cioe meta ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-fatti kif ppruvati mill-Prosekuzzjoni dwar t-thaddim ta' nies barranin.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil istess imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Dwar il-piena:

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li wiehed minn nies barranin u cioe Ihab Nayef Salman Zahlan xehed li fil-fatt hadem mal-imputat ghal jum biss u kien ser jitlaq minn Malta dakinhar stess meta kien qed jaghmel xi xoghol filwaqt li l-iehor u cioe Abdurrahman Saleh M. Rahal ghamel xoghol ta' tibjid ghal sitt ijiem.

Illi ghalhekk il-perjodu ta' dawn iz-zewg barranin kien wiehed de minimis.

Rat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Rat li l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni tant li anke ammissjoni rregistra fl-atti.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikioli 30 u 10 tal-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 u tiddikjara li ssib lil imputat AZMI CHLIAH hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin u cioe l-minimu permess mill-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------